# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum, 12 ta' Marzu, 2019

**Rikors Numru : 997/2018 JPG**

**LB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' LB, datat 17 ta' Ottubru 2018, li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti u l-intimat ghandhom zewg ulied jisimhom AB li ghandha sbatax il-sena u MB li ghandu hmistax il-sena;*

*Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li kopja tieghu tinsab anessa ma' dana l-umli rikors;*

*Illi f'kundizzjoni numru 5 tal-kuntratt, l-intimat kien obbliga ruhu li jhallas Euro 120 fix-xahar ghal kull wild, ossia [240 komplessivament] minhabba li huwa dak iz-zmien kien '...jahdem biss sporadikament';*

*Illi llum il-gurnata l-intimat qed jghix f'wiehed minn l-appartamenti ko-propjeta tal-partijiet minghajr ma jhallas xejn lill-esponenti u di piu u aktar important li huwa llum ghandu tlitt [3] impiegi u cioe [1] wiehed ta' hawker bil-frott u l-haxix li jarma ir-Rabat, [2] wiehed li jahdem ghar-rasu fil-gebel bil-crane u makkinarju kollu bhala self employed u ukoll [3] qed jikkoltiva r-raba gewwa*

*Sta. Katerina fir-Rabat;*

*Illi jsegwi ghalhekk li c-cirkostanzi ekonomici tal-intimat inbidlu bil-kbir u certament li ma huwiex gust li jibqa jhallas ir-rata ta' manteniment imsemmi meta ta' lanqas haddiehor ihallas dak l-ammont ghal wild wiehed biss!*

*Illi di piu, l-esponent tifhem li ma hemmx 'l ghaliex l-intimat ma jkun ikkundannat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi u medici;*

***Illi huwa inkoncepibbli kif l-esponenti tista trabbi zewg ulied bl-ammont ta' Euro 240 fix-xahar meta zewgha ghaddej altru milli komdu bi tlitt impiegi kif spjegat:***

*Ghalhekk l-esponenti qed titlob b'rispett:-*

*Li l-intimat jigi ordnat ihallas manteniment adegwat ghaz-zewg uliedu AB u MB;*

*Illi l-intimat jigi ordnat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi u medici tal-ulied;*

*Illi tali manteniment jibqa' jithallas sa kemm l-ulied ikollhom 23 sena jekk jibqghu jistudjaw;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' l-intimat CB datata 1 ta' Frar 2019, ghar-rikors datat 17 ta' Ottubru 2018, li taqra hekk:

*Illi fl-ewwel lok l-esponenti, bhal ma qal fis-seduti quddiem il-medjatur ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jibqa jhallas manteniment sa ma ulied jghalqu l-eta ta' 23 sena dement li dawn jibqghu jistudjaw.*

*Illi fit-tieni lok u koncernanti t-talba ghall-awment fil-manteniment l-esponenti ihoss li din ma hijiex xierqa fic-cirkostanzi u wisq anqas gustifikata. Dana*

*ghaliex bhal ma taf ben tajjeb ir-rikorrenti u bhal ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni (klawsola 12.a u c), il-partijiet kienu ftehmu fuq dak l-ammont ta' manteniment ghaliex kienu zammew in komuni bejniethom:*

*i. self li kellhom u ghad ghandhom mal-bank HSBC*

*ii. Debitu li kien hemm mal-genituri tal-komparenti mara li kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni l-esponenti lura l-ammont ta' €41,000.*

***<u>Self mal-bank HSBC</u>**.*

*Illi jigi rilevat in succint li bhal ma jirrizulta mid-dokumentazzjoni esbita mir-rikorrenti din ma tahdimx u tghix biss bl-assistenza socjali.*

*Illi l-esponenti jirrileva minghajr ebda disrispett li r-rikorrenti ghandha sebgha u erbghin (47) u ma hemm l-ebda impediment biex hija ssib impjieg stante ukoll li uliedhom illum ma ghadhomx zghar imma ghandhom sbatax (17) u hmistax (15) il-sena. Jirrileva ulterjorment illi r-rikorrenti ma tahdimx apposta biex ma **<u>thallas xejn mir-ripagamenti tal-self li zammew in komun mal-bank HSBC.</u>** Dana kif dejjem ghamlet minn mindu gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni sal-lum!*

*Illi kif jirrizulta mill-prospett anness (statement bankarju) jirrizulta li fid-data ta' l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni il-bilanc kien ghad fadallu jithallas lura lill-bank kien ta' **€54996.31** filwaqt li f'Mejju 2018 (datat ta' l-istatement) l-ammont bilancjali li kien ghad irid jithallas kiena ta' **€17,428.56.** Minn dawn ir-ripagamenti mill-ifirmar tal-kuntratt sal-lum ir-rikorrenti ma hallset assolutament xejn u kif jirrizulta mill-prospett minn Novembru 2009 sa Mejju 2018, **<u>l-esponenti hallas wahdu nonstante li d-dejn huwa in komun l-ammont ta' €39,489.03.</u>**, ghaliex propjeta' immobiljari appartenenti lilu qed taghmel tajjeb ghal dan is-self. Dan ir-rikorrenti tafu ben tajjeb u nonostante li l-esponenti ma ntavola l-ebda azzjoni sabiex jirkupora lura minghand ir-rikorrenti nofs l-ammont minnu mhallas kif ihoss li ghandu kull dritt jaghmel gie rinfaccjat b'dan ir-rikors ghall-awment fil-manteniment.*

***<u>Is-self mal-genituri tar-rikorrenti</u>***.

*Illi ukoll bhal ma taf ben tajjeb ir-rikorrenti ghaliex finalment jigu l-genituri taghha, l-esponenti mill-gurnata li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni sal-lum dejjem hallas lil missiera l-ammont ta' €200 fix-xahar biex jinqata d-debitu kif fuq imsemmi.*

***Impieg ta' l-esponenti.***

*Illi kif jirrizulta minn dak li fuq inghad verament l-esponenti jaghmel kull bicca xoghol li tigi ghal idejh, ghaliex jifhem li ghandu pizijiet finanzjarji kbar x'jhallas lura u jekk ma jhallas* ***<u>hu biss isofri pregudizzju ghaliex hija l-propjeta' tieghu li qed taghmel tajjeb,</u>*** *minflok joqghod jghix bl-assistenza socjali bhal ma ghazlet, ghal ebda raguni valida li taghmel ir-rikorrenti izda dan nonostante ma ghandux xi introjtu ta' barra minn hawn. Kif jirrizulta minn annessi returns tat-taxxa,*

| | | |
|---|---|---|
| *i.* | *Fis-sena 2015 qala (total chargeable income)* | *€8,121.24* |
| *ii.* | *Fis-sena 2016 qala (total chargeable income)* | *€13,296.50* |
| *iii.* | *Fis-sena 2017 qala (total chargeable income)* | *€18,626.41* |

*Illi apparti il-hlasijiet fuq imsemmija u peress li uliedu kibru bdew johorgu mal-hbieb, bhal ma taf ben tajjeb ir-rikorrenti kull tmiem il-gimgha itihom €70 bejniethom bhala pocket money. L-esponenti ukoll jipprova jghinhom f'kull haga li jkunu jridu jixtru ghaliex jemmen verament li ghandu obbligu lejn uliedu.*

*Ghalhekk l-esponenti ihoss li t-talbiet kif kontenti fir-rikors ghandhom jigu michuda hlief ghat-talba li l-manteniment jibqa jithallas sa ma uliedu ukollhom 23 sena fl-eventwailta' li dawn jibqghu jistudjaw fuq bazi full time.*

**Ikkonsidrat;**

Illi dan huwa digriet wara talba ghall-varjazzjoni tal-manteniment pagabbli mill-intimat lir-rikorrent ghall-ulied minuri tal-partijiet li qed tigi maghmula fil-mori ta' medjazzjoni ntavolata ghall-istess raguni. Ir-rikorrent tikkontendi illi l-ammont stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni

tal-partijiet datat 18 ta' Novembru 2009, ghall-manteniment taz-zewg ulied minuri tal-partijiet A u M, li llum il-gurnata ghandhom sbatax u hmistax -il sena rispettivament, huwa baxx wisq, peress illi huwa fl-ammont ta' €240 fix-xahar, ossia, €120 ghal kull wild, liema ammont ghandu jkopri wkoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri. Ir-rikorrent tikkontendi illi l-partijiet kienu qablu fuq dan l-ammont peress illi fiz-zmien meta sar il-kuntratt l-intimat kien jahdem biss sporadikament u ghalhekk ma kienx possibli ghalih li jhallas iktar. Tghid illi ic-cirkostanzi tal-intimat illum il-gurnata nbiddlu peress illi huwa qieghed jahdem tlett xogholijiet u ghalhekk ghandu introjtu tajjeb.

Minn naha tieghu, l-intimat oggezzjona ghal din it-talba u nsista illi l-ammont stipulat fil-kuntratt huwa xieraq u m'ghandux jinbidel. Huwa ma nnegax illi llum il-gurnata ghandu ntrojtu ferm ahjar milli dak li kellu fi zmien il-kuntratt, izda jghid illi huwa ghandu pizijiet finanzjarji kbar peress illi ghalkemm id-dejn li l-partijiet ghandhom mal-bank u mal-genituri tar-rikorrenti inzamm in komun, huwa hu biss li qed jaghmel ir-ripagamenti necessarji. Jghid ukoll illi r-rikorrenti ghada fil-possibilita illi ssib impjieg u illi hija taghzel li ma tahdimx sabiex ma jkollix thallas id-djun dovuti mill-partijiet. Zied ukoll illi peress illi ulied il-partijiet llum il-gurnata kbiru u bdew johorgu mal-hbieb, huwa jaghtihom €70 bejniethom bhala *pocket money* kull tmiem il-gimgha.

Il-Qorti rat illi r-rikorrent ma pprezentat l-ebda prospett li jindika x'inhuma l-ispejjez li hija talvolta tinkorri fit-trobbija ta' ulied il-partijiet. Il-Qorti rat ukoll illi hija baqghat ma prezentatx kopji tal-FS3 taghha, ghalkemm m'huwiex kontestat mill-intimat illi martu ma tahdimx. Ir-rikorrent ipprezentat biss dikjarazzjoni guramentata li hija ma tahdimx u fir-rigward tal-ispejjez necessarji ghall-ulied il-partijiet tghid li ***"wiehed jista' jimmagina l-ispejjez li dawn jinvolvu",*** u xejn aktar mill-provi li giet mitluba tipprezenta minn din il-Qorti fid-digriet taghha tas-17 t'Ottubru 2018. M'ghandux bzonn jinghad illi l-ispejjez li qed isiru mir-rikorrenti ghall-ulied il-partijiet iridu jigu sorretti permezz ta' provi u minn tal-inqas jigu imqar indikati mir-rikorrenti, u mhux jithallew kompletament ghall-imaginazzjoni tal-Qorti.

Il-Qorti tqis illi fl-assenza totali ta' provi rigward l-ispejjez li qed isiru ghall-ulied il-partijiet, l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jigu milqugha. Dan qed jinghad b'mod specjali minhabba l-fatt illi hawnhekk m'ghandhiex sitwazzjoni fejn m'hemm l-ebda ammont ta' manteniment stabbilit ghall-minuri, izda minflok ghandha sitwazzjoni fejn il-partijiet kienu diga ftehmu fuq ammont ta' manteniment pagabbli mill-intimat ghall-ulied il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom. Il-Qorti tirrimarka li l-mod kif inhu mpostat ir-rikors jaghtih

iktar ix-xehta ta' rikors intiz ghal rimedju finali minflok talba li qed qed isir pendente lite, minkejja l-fatt li rimedju finali jista' jinghata mill-Qorti biss wara kawza li tinbeda bil-procedura normali ta' rikors guramentat jekk il-partijiet ma jaslux ghall-kompromess waqt il-proceduri ta' medjazzjoni. Filfatt, fl-ebda hin ma jigi indikat mir-rikorrenti fir-rikors taghha li dak li qed titlob huwa awment fil-manteniment pendente lite. Illi fi kwalunwke kaz, fl-assenza totali ta' provi minn naha tar-rikorrenti, huwa car li l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jigu milqugha.

Ghar-rigward tat-tielet talba, il-Qorti rat illi l-intimat CB fir-risposta tieghu iddikjara li ***"ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jibqa jhallas manteniment sa ma ulied jghalqu l-eta ta' 23 sena dement li dawn jibqghu jistudjaw."*** Ghaldaqstant il-Qorti taghraf illi t-tielet talba tar-rikorrenti hija mishoqqa.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tielet talba izda tichad l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti kif impostati fir-rikors datat 17 t'Ottubru 2018.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moghti kameralment**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**